MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2014

Rikors Kongunt Numru. 314/2014

**AB**

**vs**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt illi gie ikkonfermat bil-gurament miz-zewg rikorrenti, li *in forza* tieghu wara li ppremettew:

Illi l-partijiet izzewgu nhar id-19 ta' Gunju, tas-sena elfejn u erbgha (2004) u dan kif inhu evidenzjat mic-certikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok A;

Illi l-partijiet huma legalment separati permezz ta’ kuntratt pubbliku datat l-1 ta’ Settembru 2009 publikat min-Nutar Dr Sean Critien (ara Dok. B hawn anness) u ghalhekk ilhom legalment separati ghal aktar minn erba’ (4) snin;

Illi l-partijiet ghandhom tlett ulied u cioe’ T li twieldet nhar it-12 ta’ Lulju 2003, KS li twieled nhar is-17 ta’ Gunju 2005 u Y li twieldet nhar is-27 ta’ Settembru 2007. It-tliet ulied huma minuri;

Illi l-partijiet jiddikjaraw li m’hemm ebda pendenza relatata mal-manteniment tal-istess minuri;

Illi l-partijiet jiddikjaraw li huma ddekadew mid-dritt ta’ manteniment reciproku u ghalhekk l-ebda manteniment m’hu dovut (ara klawsola numru 1 (e) tal-kuntratt ta’ separazzjoni msemmi aktar ‘il fuq);

Illi m’hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom snin mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u sahansitra ffurmaw rabtiet ma persuni ohrajn / familji godda;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib ta’ divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talbu lil din il-Qorti sabiex :

1. Tippronunzja d-divorzju, ossia l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-18 ta' Awissu 2014;

Rat l-affidavits bix-xhieda tal-partijiet;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mill-1 ta' Settembru 2009 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejniethom;

Illi ir-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------